

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 4/2013

tal-1 ta' Frar 2013

li temenda l-Anness I (Kwistjonijiet veterinarji u fitosanitarji) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/68/UE tal-1 ta' Lulju 2011 li temenda d-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE li jstabbilixxu miżuri ta' implimentazzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttivi tal-Kunsill 2002/53/KE u 2002/55/KE rispettivament, fir-rigward tal-karatteristiċi li jridu jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli u speċi ta' ħxejjex⁽¹⁾ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE tal-25 ta' Ġunju 2012 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika⁽²⁾ trid tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (3) Din id-Deċiżjoni tikkonċerna leġiżlazzjoni rigward kwistjonijiet fitosanitarji. Il-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet fitosanitarji ma tapplikax għal-Liechtenstein dment li l-applikazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli tkun estiża għal-Liechtenstein, kif speċifikat fl-adattamenti settorjali għall-Anness I tal-Ftehim ŻEE. B'hekk, din id-Deċiżjoni ma tapplikax għal-Liechtenstein.
- (4) L-Anness I tal-Ftehim ŻEE għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kapitolu III tal-Anness I tal-Ftehim jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied mal-punti 14 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/90/KE) u 15 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/91/KE) fil-Parti 1:

— **32011 L 0068:** Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/68/UE tal-1 ta' Lulju 2011 (ĠU L 175, 2.7.2011, p. 17)."

2. Taħt l-intestatura "ATTI LI GĦANDHOM JIĠU KKUNSIDRATI MILL-ISTATI EFTA U MILL-AWTORITÀ TAS-SORVELJANZA TAL-EFTA" jiddaħħal il-punt li ġej wara l-punt 82 (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/680/UE):

"83. **32012 D 0340:** Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/340/UE tal-25 ta' Ġunju 2012 dwar l-organizzazzjoni ta' esperiment temporanju skont id-Direttivi tal-Kunsill 66/401/KEE, 66/402/KEE, 2002/54/KE, 2002/55/KE u 2002/57/KE fir-rigward tal-ispezzjoni tal-għelieqi taħt superviżjoni uffiċjali għaż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa mrobbija ta' ġenerazzjonijiet li ġew qabel iż-żerriegħa bażika (ĠU L 166, 27.6.2012, p. 90)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2011/68/UE u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/340/UE fil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppublikati fis-Suppliment ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-2 ta' Frar 2013, dment li jkunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tiġi ppublikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2013.

Għall-Komitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Gianluca GRIPPA

(¹) ĠU L 175, 2.7.2011, p. 17.

(²) ĠU L 166, 27.6.2012, p. 90.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.